Tribunal Industrijali

Decizzjoni Numru 2265

Kaz Numru1843/MF

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

Bejn

John Cutajar

U

Malta|Drydocks Corporation
Malta Shipyards Limited
Industrial Projects and
Sevices Limited

Dwar allegazzjoni ta' trattament diskriminatorju u allegat nuqqas ta' osservazzjoni tal-principju Last in first out

Illum 27 ta' Jannar 2014

Chairman: Dr. Martin Fenech LL.D. Dip. Adv. Eur. Stud. (Bruges)

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali wara rikors mibghut lit-Tribunal Industrijali datata 16 ta' Dicembru 2013 mill-Avukat Dr. Karmenu Mifsud Bonnici fejn talab li dan il-kaz jinstema' quddiem it-Tribunal Industrijali .

John Cutajar kien assistita mill-Avukat Dr. Karmenu Mifsud Bonnici u ghall-Kumpanija intimate deher Loenard Sacco assisti minn Dr. Pawlu Lia.

**Dikjarazzjonijiet tal-Kaz**

Fl-istqarrija tal-kaz l-appellant iddikjara li hu kien impjegat bhala Engineer Fitter mal-Malta Drydocks Corporation u gie trasferit Mal-Industrial Projects and Services Limited. Inzammu mal-Malta Shipyards Limited fitters ohra li ma kellhomx snin ta' servizz daqsu u hu gie trattat b'mod diskrimiminatorju.

Is-socjeta fl-istqarrija taghha qalet li l-Malta Drydocks Corporation hija diga xolta mis-7 ta' Novembru 2003 u ghalhekk hija nulla u bla effett it-talba tar-rikorrenti apparti l-fatt li t-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Dr.Phyllis Aquilina ssotomettiet dikjarazjoni ghal Malta Shipyards Limited

Deheret ukoll Dr. Susan Sciberras ghal-kjamat in kawza ghal Prim Ministru u l-Avukat Generali

**PROVI**

Quddiem it-Tribunal Industrijali gew imressqa diversi provi. Xehed John Cutajar fejn stqarr illi tilef ittra li intbghat lilu fejn gie infurmat illi mhux ser ikompli fix-xoghol tieghu. Ammetta li ha s-somma u ffirma u rrinunzja ghal kull haga kontra l-principal tieghu

Xehed Claude Cuschieri bhala Direttur Generali fil-Ministeru tal-Finanzi li huwa r-rapprezentant tal-Malta Drydocks fejn qal li ma hemmx ittri kif allegat imma ittra gererali li intbghat lill-impjegati kollha.

Xehed John Cassar White fejn xehed li ma jiftakarx li intbghat ittra lill-John Cutajar. Ix-xhud qal li ma jiftakarx li John Cutajar kellmu jew talab xi spejgazzjoni anki bil-miktub.

Xehed Claude Cuschieri fejn qal li ghamel ricerka fl-file gererali imam ma sab xejn

Rega xehed Claude Cuschieri fejn stqarr li il-file gererali huwa l-uniku file li ghandu u minn dan il-file ma jirrizultax li hemm xi ittra kif indikat minn John Cutajar

**Konsiderazzjonijiet**

Tribunal irid jara dan il-kaz fl-isfond tal-fatt illi r-rikorrenti kien impjegat mal-Malta Drydocks Corporation liema Korporazzjoni giet xolta fis-7 tas' Novembru 2003. Dan ir-rikors gie intavolat fil-16 ta' Dicembru 2003 u ghalhekk ma tistax iisr kawza kontra kumpanija li hija defunkta. Ghalhekk it-talba ma tisax tigi indirizzata kontra il-Malta Drydocks Coporation.

It-Tribunal irid ukoll jara l-apett logistiku kif gara. Jidher illi r-rikorrenti gie offrut xoghol mal-Indusrial Projects and Services Limited u garr mieghu s-snin ta' servizz li kien ta lill-Malta Drydocks Corporation. Jidher ukoll li kif saret il-Ligi ssuperat kull Ligi ohra.

Illi jirrizulta ukoll li John Cutajar accetta li jiehu s-somma u accetta li jiddikjara li ma ghandhux ebda talbiet ohra kontra l-principal tieghu.

Illi ghandu jirrizulta illi mill-provi jew ma instabitx jew ma kinetx tezisti l-ittra fejn allegatament gie infurmat illi John Citajar ma kienx tajjeb f'xgholu.

**Decizzjoni**

It-Tribunal Industrjali wara li kkunsidera l-istatements u s-sottomissjonijiet tal-parijiet ikkoncernati ra u ezamina d-dokumenti ezebiti, sema' u evalwa x-xhieda prodotti, u l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz jiddikjara li ma jsibx lill-intimati hatja ta' diskriminazzjoni bi ksur tal-artiklu 26 AL-Att tat-2002.

Ukoll It-Tribunal ma jsibx li kien hemm ksur tal-principju first in last out mal-Malta Drydocks Corporation.

Ghaldaqstant it-Tribinal Industrijali jiddeciedu billi jichad dan ir-rikors bl-ispejjes jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.

Għall-finijiet ta' L-Avviż Legali 48 tal-1986 jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' tlieta u disgħin euros (euros 93).

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

(iffirmat)
Dr. Martin Fenech
Chairman

VERA KOPJA

G Spiteri
Graziella Spiteri
Għas-Segretarju